MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2678/2002

**Avviz Numru 2678/02 AJD**
**R.A.B. Limited**

**vs**

**Rose Conti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Novembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm202.37) rappresentanti prezz ta' prodotti tal-ikel mibjugha 'wholesale' lill-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' Frar 2002, u bl-imghax kummercjali pagabbli mit-22 ta' Mejju 1996, u cioe' d-data ta-ahhar konsenja, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Paul Farrugia in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u zewg liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm202.37), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**